MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 70/2004

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Liza Pace**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm441.06c (erba’ mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sitt centezmi) rapprezentanti servizz telefoniku bin-numru 233183. (Kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma’ l-Avviz tat-talba u mmarkati Dok. A u B).

Il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------